MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 147/1993/1

Alan Buttigieg

vs

Mary Rose Borg u b'nota tal-4 t'Awissu 1995 Mary Rose Borg assumiet l-atti tal-kawza bhala Mary Rose mart Joseph Camilleri sante z-zwieg taghha pendente lite u Joseph Camilleri

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta:

Illi fit-12 ta' Novembru 1992 ghall-habta tas-sebgha neqsin hames minuti ta' fil-ghaxija (6.55pm) waqt li kien ghaddej minn Triq l-Mgarr, Xewkija, Ghawdex, fid-direzzjoni tal-Mgarr, Ghawdex, isuq karozza tal-marka "Suzuki" bin-numru ta' registrazzjoni 0-3569 huwa kien

involut f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra tal-marka "Mitsubishi", truck, bin-numru tar-registrazzjoni V-1789 li kienet misjuqa mill-konvenuta Mary Rose Borg;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza;

Illi inoltre rrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenuta Borg kienet proprjeta' tal-konvenut l-iehor Joseph Camilleri li ppermettilha ssuq din il-vettura minkejja li hija ma kellhiex licenzja tas-sewqan valida u ghalhekk l-inqas kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni skond il-ligi;

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni ngenti konsistenti sew fi hsara fil-vettura msemmija, kif ukoll fi griehi personali kif jigi dettaljatament pruvat;

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet, il-konvenuti naqsu li jaddivjenu ghal-likwidazzjoni tad-danni imsemmija;

Talab ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew lil min minnhom personalment responsabbli ghall-incident imsemmi in kwantu dan gara minhabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija;

2. tillikwida d-danni konsegwentement sofferti mill-attur;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fit-2 ta' Dicembru 1992 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1993.

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha akkluza l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonjiet tal-konvenut Joseph Camilleri li eccepixxa:

1. li ghar-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni (recte talba) din ghandha tigi, fil-konfront tieghu, respinta billi dan ma garax minhabba nuqqasijiet tieghu;

2. li t-tieni talba ghandha tigi similment respinta ghax m’hemm ebda danni ta’ l-attur x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

3. li jitnissel minn dan, referibbilment ghat-tielet talba, illi m’hemm ebda ammont li l-eccipjenti ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur;

4. salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi. B’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti senjatament dik tad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Mary Rose Borg li eccepiet:

1. li l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident awtomobilistiku ‘de quo’ kien jahti l-attur;

2. li jsegwi, riferribilment ghat-tieni talba, li m’hemmx danni ta’ l-attur x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;

3. li jizdied isegwi, riferribilment ghat-tielet talba, li m’hemm ebda ammont li l-eccipjenti ghandha tigi kundannata thallas lill-attur;

4. salvi eccezzjonijiet ohrajn permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota (folio 88) li biha l-konvenuta Mary Rose Borg assumiet l-atti tal-kawza bhala Mary Rose mart Joseph Camilleri stante z-zwieg taghha pendente lite;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta danni reklamati mill-attur konsegwenza ta' kollizjoni fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex, fit-12 ta' Novembru 1992, f'liema kollizjoni kienu nvoluti l-vettura ta' l-attur, misjuqha minnu, tal-marka 'Suzuki' gia numru ta' registrazzjoni 0-3569 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta Mary Rose Borg, izda proprjeta' tal-konvenut l-iehor Joseph Camilleri, tal-marka 'Mitsubishi' gja numru ta' registrazzjoni V-1789. Fil-kuntest ta' l-incident mhux kontrastat li dan sehh fil-waqt li z-zewg sewwieqa kienu qeghdin jittranzitaw l-imsemmija triq f'direzzjoni opposta, cioe' l-attur sejjer ghad-direzzjoni tal-Imgarr u l-konvenuta sejra fid-direzzjoni tar-Rabat.  Id-dinamika ta' l-incident giet spjegata mis-sewwieqa rispettivi fit-termini segwenti: l-attur attribwixxa l-kawza tal-kollizzjoni ghall-manuvra inkonsulta tal-konvenuta Borg, illum Camilleri, u stqarr li hu kien wara vettura tal-pulizija meta osserva, quddiem il-vettura tal-konvenuta, vettura ohra li kienet qed tinsaq fl-istess direzzjoni taghha, li meta waslet biswit il-vettura tieghu, tat sinjal li kienet ser iddur fuq ix-xellug taghha ghaz-zona industrjali tax-Xewkija. Jghid li f'dan il-waqt lemah lill-vettura misjuqa mill-konvenuta li ppruvat taqla' bil-konsegwenza li gibdet fuq in-naha tal-lemin, qabzet in-nofs tat-triq, giet fuq in-naha tieghu u dahlet fih. Laqtitu fuq r-rota tal-lemin ta' quddiem b'hekk li tilef il-kontroll u l-vettura tieghu spiccat inqalbet wara li hakmet bankina fuq in-naha opposta tat-triq. Il-konvenuta da parti taghha stqarret li kien hemm hafna traffiku u dan fiz-zewg

direzzjonijiet. Kienet qed issuq fil-korsija ta' mal-hajt tax-xellug fejn hemm it-triq laterali fuq in-naha taghha li tiehu ghaz-zona industrjali. Tghid li meta waslet qrib din it-triq laterali kien f'dak il-waqt li tfaccat il-jeep ta' l-attur li qabzet il-linja tan-nofs u habtet fuq il-faccata tal-vettura misjuqa minnha. Stqarret li l-jeep giet fuqha ghall-gharrieda u bi 'speed'. Qalet li mal-habta hi baqghet sejra titkaxxkar aktar 'il quddiem "fil-korsija stess fejn grat il-habta". Ikkonfermat fuq domanda in kontro-ezami li kien hemm vettura quddiemha li dahlet fit-triq laterali u bhala danni spjegat li tghawget ftit il-'bull bar' u nqasam 'tyre'. Mix-xhieda tas-Surgent 231 Carmel Xerri, li nvestiga l-kollizjoni, jirrizulta li l-habta semmaghha warajh kif l-vettura tal-pulizija, li kien qieghed fiha, ghaddiet quddiem l-access ghaz-zona industrjali u mal-hoss ra vettura taqbizhom, taqsam it-triq, titlgha bankina, taqbez go gnien u tispicca parti gol-gnien u parti got-triq. Waqt li xehed dwar li qalulu s-sewwieqa fuq il-post ta' l-incident stqarr li l-attur qallu li kien isuq b'velocita' ta' madwar 45 k.f.s, li kien fuq il-karreggjata tax-xellug tat-triq, izda fuq il-karreggjata ta' barra u mhux fuq il-linji doppji, u li f'daqqa wahda gie truck mid-direzzjoni opposta u habtet fih. Is-sewwieqa l-ohra stqarret mieghu li kienet gejja mid-direzzjoni opposta bi speed ta' 25 k.f.s fuq il-karreggjata ta' barra 'il gewwa mil-linji doppji u kif waslet quddiem l-access taz-zona industrijali hasset daqqa li ma tafx x'kienet u kellha tieqaf ftit aktar 'il fuq ghaliex intneffah t-'tyre'.

Illi minn dan il-kwardu tal-fatti, tenut wkoll kont l-iskizz, li jinsab esebit (folio 44), liema skizz ma giex kontestat mill-ebda parti, l-Qorti, fuq l-indikazzjoni hemm murija dwar il-frammenti fl-art imhollija mill-kollizjoni, tafferma li din grat fuq il-linja medjana tat-triq. U hi fuq din l-affermazzjoni taghha, irrispettivament minn kull fattur iehor, illi din il-Qorti tattribwixxi r-responsabilita' tal-kollizjoni, f'misura ugwali, fuq iz-zewg sewwieqa li kienu qeghdin isuqu il-vetturi rispettivi taghhom rasenti jekk mhux addirittura fuq il-linja medjana tat-triq. Fuq il-bran li sejra ticcita minn *Charlesworth & Percy*, "*On Negligence", para 9 – 221 – "Collisions in Centre of Road*" – hemm riportat dicta tal-*Qorti tal-Appell Ingliza* fil-kaz ta' *"Howard v Bemrose"*

(1973 RTR32, C.A) li jirrispekkja proprju l-fattur determinanti f'din il-kawza u li din il-Qorti taqbel perfettament mieghu. Intqal li "each driver who was involved in an unwitnessed and inexplicable head-on-collision between two vehicles, is likely to be held equally to blame for negligence, even where there is some indication that one of them might have been on his wrong side of the road". Fil-kaz in dizamina ma giet prodotta ebda xhieda, nonostante il-'hafna traffiku' u l-passiggier li kien rikeb fil-karozza ta' l-attur, li permezz taghha setgha jkun hemm stampa aktar cara tal-incident, li fil-kaz in dizamina baqa' ghalhekk "unwitnessed" u "inexplicable".

Illi rimoss l-ostakolu tar-responsabilita' jibqa' sabiex jigi deciz jekk il-konvenut l-iehor jistax jigi wkoll misjub responsabbli talli ppermetta lil allura gharusa tieghu (illum martu) issuq il-vettura minghajr ma kienet koperta b'licenzja tas-sewqan, dana apparti l-likwidazzjoni tan-nofs id-danni sofferti mill-attur premess illi l-konvenuti m'intavolaw l-ebda kontro-talba.

Illi rigward r-responsabbilita' ta' dan l-konvenut huwa fatt li l-konvenuta ma kellhiex licenzja tas-sewqan pero' dan il-fattur wahdu ma jistax jaddossah b'responsabilita' anke ghaliex ma jinsab imkien pruvat li hu volutament ippermetta lill-konvenuta ssuq it-truck u f'kull kaz lanqas jirrizulta li kienet minorenni.

Illi relattivament ghad-danni, il-kriterji stabbiliti mil-ligi ghar-rizarciment taghhom, huma imfissra - fit-telf effettiv li l-parti leza tkun direttament sofriet, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t'telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali. Mill-provi jirrizulta li l-attur ma sofra ebda telf bhala paga jew qligh jew minhabba xi inkapacita'. Fil-likwidazzjoni tad-danni hu qieghed pero' jippretendi li jigi rizarcit mhux biss d-danni li effettivament inkorra sabiex tissewwa l-hsara fil-vettura tieghu izda wkoll l-imghax fuq l-ammont minfuh, stante li jghid li kellu jissellef proprju sabiex tigi rrangata l-hsara u dan oltre ammont ta' xoghol 'extra' u ammont iehor ghall-karozza li allegatament giet mikrija lilu. Fi kliem

iehor l-attur qieghed jippretendi li jigi rizarcit f'ammont li bil bosta jissupera dak li mir-ricevuti esebiti in atti jirraprezentaw l-ammont tal-hsara effettiva u diretta konstatata bhala danni. Dan mhux accettabbli. Mhux biss fuq il-principju li d-danni ghandhom kemm jista' jkun jigu minimizzati, izda wkoll minhabba li d-danni ghandhom jinzammu f'dak il-proporzjon li jkun ekwu u gust – il-principju tal-proporzjonalita'. Mhux ammess li jigu minfuha 'l barra minn kull proporzjon.

Illi li jirrizulta mid-dokumenti esebiti hu li l-attur inkorra bhala spejjez effettivi u diretti l-ammont ta' elf erba' mija erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1434.25) (folio 147 et seq) oltre hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) (folio 62 sa 65); oltre dawn l-ammonti l-Qorti mhix sodisfatta li l-attur ghandu l-jedd jippretendi aktar. Naturalment, u billi l-attur ghandu jgorr nofs ir-responsabilita' ghall-incident in kwistjoni, huwa intitolat biss ghar-rizarciment ta'nofs dawn l-ispejjez.

Ghaldaqstant, qeghdha taqta' u tiddeciedi billi:

- fil-konfront ta' l-ewwel talba tiddikjara r-responsabilita' ghall-incident f'misura ugwali bejn l-attur u l-konvenuta Mary Rose Borg (illum Camilleri) u tiddikjara lill-konvenut Joseph Camilleri mhux responsabbli u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

- fil-konfront tat-tieni talba tillikwida d-danni fis-somma ta' elf hames mija u dsatax-il lira Maltin (Lm1,519).

- fil-konfront it-tielet talba tikkundanna lill-konvenuta Mary Rose illum Camilleri li thallas lill-attur nofs l-ammont hekk likwidat, jigifieri, l-ammont ta' seba' mija tmienja u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm758.50) bl-imghax dekorribbli mil-lum.

Ghal dawk li huma spejjez tal-kawza l-attur u l-konvenuta ghandhom jbatu l-ispejjez rispettivi taghhom waqt li l-attur ghandu wahdu jbati l-ispejjez tal-konvenut Joseph Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------